Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 04/15 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 23/04/15 fis-6.30 pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Skużata minħabba xogħol |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 03/15 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04 2 1 | 03.2.1 | Hales: Dog Litter Bins | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li d-dog litter bins waslu u jridu jitwaħħlu. Il-Kunsillier Caruana talab sabiex id-dog litter bins jinħaslu b'mod regolari. | Hales |
| 04 2 2 | 03.2.3 | Hales: Tabella għal Ġnien l-Għannejja | Il-Kunsillier Hales ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-artwork tat-tabella ta' Ġnien l-Għannejja. **Il-Kunsill qabel li din għadha tiġi ordnata.** | Hales |
| 04 2 3 | 03.2.5 | Caruana: Centre Lines fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Kunsillier Caruana ressaq ilment minn resident fi Triq id-Daħla ta' San Tumas li qed jgħid li dawn il-linji ma sarux kif suppost. Is-Sindku talab sabiex ir-resident jikteb lill-Kunsill b'ritratti tal-proposta tiegħu lill-Kunsill ħalli jkun jista jressaqha quddiem TM. Is-Sindku spjega li c-centre line qiegħed f'postu u sar biss refreshing. Il-Viċi-Sindku u Caruana talbu sabiex issir give way ma' l-art. Is-Sindku spjega li għandu jsir sinjal tal-give way skont dak li tippermetti l-liġi. | Hales |
| 04 2 4 | 03.2.11 | Hales: Isem ta' triq għal Alexander Cachia Zammit | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li t-tweġiba mingħand it-tfal ta' Dr Alexander Cachia Zammit għal proposti tal-Kunsill, għadha ma waslitx. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 5 | 03.2.13 | Camillieri: Mobile camera | Il-Kunsillier Camillieri staqsa għalfejn qed tintalab kwotazzjoni għal mobile camera. Is-Segretarju rraporta li ġiet avviċinata Kumpanija u r-rappreżentat ittieħed fi Triq il-Ħotba biex jingħata stampa ċara ta' fejn u għalxiex il-Kunsill jixtieq jagħmel użu mill-mobile camera billi jsir rimi ta' skart goff regolarment. Ir-rappreżentant qal li f'dan il-post partikolari ma tistax issir ghax m'hemmx street lighting. Is-Segretarju spjega kif din tista issir f'siti oħra permezz ta' linja Go/Melita. Il-monitoring isir fuq DVR u l-camera tiswa madwar Eur1,100. Is-Sindku irrimarka li l-aħjar li terġa tibda titħaddem is-sistema ta' l-eco wardens u niktbu l-Ministru Dr Owen Bonnici dwar dan. | Segretarjat |
| 04 | 2 | 6 | 03.2.16 | Chircop: Tabelli ta' direzzjoni fil-Marsa | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk irċevejniex risposta dwar it-tabelli ta' direzzjoni għal-lokalita' taż-Żejtun minn TM. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Hales |
| 04 | 2 | 7 | 03.3.9 | One way systems | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk waslitx l-approval ta' Triq San Klement. Is-Segretarju irraporta li TM tat approvazzjoni biss għal one way fi Triq Santa Katarina u Triq Lvant. Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li saret parking bay għall-muturi f'Misraħ Wistin Abela iżda ma nstabx post fejn issir waħda f'Misraħ Gregorio Bonici. Is-Sindku qal li tista' ssir waħda fejn is-Salib. | Hales |
| 04 | 2 | 8 | 03.3.11 | Sindku: Ħsara fuq vettura fi Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku staqsa jekk Frendo Montebello Advocates bagħtux risposta għall-klijent tagħhom li ġarrab ħsara fuq vettura. Is-Segretarju qal li huwa kiteb f'isem il-Kunsill hekk kif approvat fil-laqgħa preċedenti iżda ma rċevjiex risposta. Is-Sindku talab sabiex jintbagħat reminder. | Segretarjat |
| 04 | 2 | 9 | 03.6.1 | Chircop: Dawl fi Ġnien San Girgor | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk ġiex irranġat id-dawl ta' Ġnien San Girgor. Is-Sindku spjega għalxiex intefa id-dawl ta' Ġnien San Girgor. Dan ġara peress li l-Ing. Portelli mar lura fir-rekords meta l-foreman Magro fl-1993 kien għamel applikazzoni għal meter biex isir dawl fuq ġewwa tal-ġnien. Kienu tpoġġew globi iżda qatt ma nxtelgħu. Il-meter sar fil-kamra fejn kien hemm il-borehole. L-ewwel Kunsill iddeċieda li jmexxi kollox, saru l-bandli u kif ukoll saru l-floodlights ma' l-arbli. L-Ing. Portelli sostna li dawn għandhom isiru fuq meter. Wara intervent mill-Customer Care tal-Ministeru, il-ġnien reġa' ġie mixgħul għan-normal. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 10 | 03.9.1 | Chircop: Ġieħ iż-Żejtun | Il-Kunsillier Chircop qal li kif kienet qalet il-Kunsilliera Agius, is-Sur Frans Zahra ma qabilx li hu jkun nominat għall-Ġieħ u għalhekk din-sena il-Ġieħ ingħata lil Fr Vince Magri. Il-Kunsill innota li l-animnazzjoni tas-serata minn Corazon Mizzi kienet tajba ħafna. Chircop nforma lill-Kunsill li ħareġ ktejjeb bix-xogħlijiet tal-konkors letterarji. Ir-rebbieħa tal-konkors letterarju huma dawn: Djalett Sur Lino Psaila, Poeżija Keith Muscat u Poeżija għat-Tfal Andre' Mifsud. | Chircop |
| 04 | 2 | 11 | 03.9.5 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' figolli | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li tqassmu l-figolli fl-okkażjoni ta' l-Għid il-Kbir lil tlett idjar tal-Fondazzjoni Nazareth u lill-Grupp Mattew XXV. | Viċi-Sindku |
| 04 | 2 | 12 | 03.9.7 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivitajiet tal-cruise liners tħassru u li ser issir weekend break fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. | Agius |
| 04 | 2 | 13 | 03.9.10 | Caruana: Dust Bins | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru dustbins madwar il-Parroċċa. Is-Sindku qal li għandna nsibu dustbins li jkunu jaqblu mal-karatteristika tal-post. **Il-Kunsill approva.** | Sindku Hales |
| 04 | 2 | 14 | 03.9.11 | Caruana:Tneħħija ta' arbli tad-dawl | Caruana rraporta li t-tneħħija ta' l-arbli tad-dawl f'Misraħ Diċembru XIII saret. | Sindku |
| 04 | 2 | 15 | 03.9.12 | Viċi-Sindku: Bus stop fi Vjal 25 ta' Novembru | Il-Viċi-Sindku talbet li l-bus stop fi Vjal 25 ta' Novembru jiġi mressaq peress li qed ikun ta' inkonvenjent. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax ma ngħatatx raġuni valida. | Hales |
| 04 | 2 | 16 | 03.9.14 | Chircop: Shake Dancers | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk intbagħtux l-awguri lis-Shake Dancers għar-rebħa tagħhom fil-Karnival ta' Malta 2015. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Segretarjat |
| 04 | 2 | 17 | 03.9.17 | Chircop: Teżi Dr Maria Brown | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li Dr Maria Brown issuġġeriet li t-teżi tagħha tkun online fuq il-website biex tkun aċċessibli għall-istudenti. | Chircop |

**04 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/15. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | 1-5 | MEPA: PA775/15, PA878/15, PA392/15, PA1327/15 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandha tinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Segretarjat |
| 04 | 3 | 2 | 07 | DLG: Memo 06/15 - Depożitar ta' flus fil-banek | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-DLG li l-Kunsill ma jkollux ammont kbir ta' flus għad-depożitu u għaldaqstant ma jarax għalfejn għandu għandu jiddepożita darbtejn fil-ġimgħa iżda jibqa' b'depożitu ta' darba fil-ġimgħa biss.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04 3 3 | 09 | DLG: Memo 08/15 Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali | Is-Segretarju informa lill-Kunsill li skond Memo 08/15 l-impjegata Schembri hija ntitolata għal skala 10 peress li ilha fi skala 11 mill-1 ta' April, 2006. Skond il-ftehim kollettiv iffirmat mill-4 ta' Marzu 2013 l-impjegata għandha titpoġġa fuq skala 10 u hija ntitolata għall-arretrati kif stipulat fl-istess Memo. **Il-Kunsill approva l-ħlas ta' l-arretrati li jammontaw għal Eur991.45 wara li tnaqqsu l-ammonti ta' Eur144.08 tas-Sigurta' Soċjali u kif ukoll tat-taxxa Eur366. Il-Kunsill ser joħroġ is-sehem tiegħu tas-Sigurta' Soċjali ta' Eur144.08** | Segretarjat |
| 04 3 4 | 13 | DLG: Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015 | Din il-korrispondenza ser tgħaddi għand il-Kunsilliera Fenech. | Fenech |
| 04 3 5 | 14 | Għaqda tan-Nar: Reklamar fil-Ktieb tal-Festa | **Il-Kunsill qabel li jagħmel reklam ta' Eu25 għal kwart ta' paġna fil-ktieb tal-festi ta' dawn l-għaqdiet: Għaqda tan-Nar, Għaqda ta' l-Armar, Għaqda Banda Żejtun u Għaqda Mużikali Beland.** | Segretajrat |
| 04 3 6 | 16 | Knisja Parrokkjali: Attivita 22/23 ta' Mejju | **Il-Kunsill approva li titella' attivita' b'rabta mal-Eurovision fit-23 ta' Mejju f'Misraħ ir-Repubblika. Il-latrini li jinsabu fl-istess Misraħ ser jibqgħu miftuħin.** | Sindku |
| 04 3 7 | 22 | Għaqda Mużikali Beland: Beland Music Festival 2015 | **Il-Kunsill approva li jsir il-Beland Music Week 2015 bejn is-27 u t-30 ta' Mejju fi Triq Ħal Tarxien fil-parti industrijali ta' Bulebel. It-triq ser tinżamm magħluqa bejn it-23 ta' Mejju u it-2 ta' Ġunju skont l-approvazzjoni ta' Transport Malta.** | Sindku |
| 04 3 8 | | Sindku: Talba għal kumpens għal ħsarat fuq vetturi | Is-Sindku qal li it-talbiet għall-kumpens li ġew preżentati fil-lista tal-korrispondenza, ser ikunu evalwati skond dawn il-kriterji: rapport tal-pulizija li jkun sar fil-ħin, ritratti u irċevuti. | |
| 04 3 9 | | Għaqda Banda Żejtun: Car wash f'Misraħ Indipendenza | **Il-Kunsill approva li l-Għaqda Banda Żejtun ittella car wash f'Misraħ Indipendenza.** | Sindku |

**04. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 04 4 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 04 4 2 i | | **Il-Kunsill approva il-kont ta' Manuel Fenech datat 9/12/14 li jammonta għal Eur468 għal xogħol ta' canopies li għamel fiċ-CDCC.** | | |
| ii | | **Il-Kunsill approva l-ħlas lill-Parroċċa ta' Eur250 għal użu tas-Sala fl-okkażjoni ta' Ġieħ iż-Żejtun u ta' Eur50 għall-attivita' tal-Kors tal-Kompjuter.** | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04 4 3 | Talbiet għal Xiri Seduta 04/15 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 04 4 4 | Petty Cash - Marzu 2015 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €184.57 | Segretarju |

| 04 5 | | Triq Alfredo Cachia Zammit | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 04 5 1 | | Sindku: Jirraporta | is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isir xogħol fuq il-wiċċ ta' Sqaq Brieqex. Dan il-proġett qed isir bħala għajnuna lill-bdiewa skont priority li saret mit-Transport Malta. Ser isir ukoll xogħol fuq il-wiċċ ta' Sqaq Ħaż Żabbar nru 3, Trejqet il-Litfija u Trejqet il-Plejju. | Sindku |
| 04 5 2 | | | Din il-ġimgħa ser tkun lesta l-bankina ta' Triq Lorenzo u Melchiorre Gafa'. Il-Kunsill kien qabel li jsiru l-bankini fi Triq Santu Wistin bis-C20 brush finish iżda l-ewwel iġib **stima preċiża mingħand il-Kuntrattur Tabone.** | |
| 04 5 3 | | | Il-Kunsillier Camilleri staqsa min hu l-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol fuq il-wiċċ ta' Triq Alfred Cachia Zammit u jekk hux ser isir xogħol fuq il-bankini. Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur huwa Schembri ta' Ħal Far u li suppost ser isiru l-bankini ukoll. Il-Kunsill ma tantx għandu informazzjoni peress li l-kuntratt għal din it-triq ħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti u x-xogħol ser issir minn Transport Malta. B'danakollu qed nsegwu kollox u d-dettalji ser tipprovdihom TM. | |

| 04 6 | | Audit Adjustments | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 04 6 1 i | | Segretarju Eżekuttiv: Jirraporta | Is-Segretarju ippreżenta l-audit adjustments hekk kif preżentati mill-awdituri. **Il-Kunsill approva dan l-aġġustamenti.** | |
| 04 6 1 ii | | | Is-Segretarju spjega wkoll li l-awdituri rrakomandaw li bilanċi antiki għandhom jiġu evalwati u jekk ikun il-każ, jitneħħew mis-sistema tas-Sage. **Il-Kunsill qabel.** | |
| 04 6 2 | | Sindku: PPP | Is-Sindku staqsa jekk il-Gvern Ċentrali jistax jgħaddi s-sehem tiegħu lill-Kunsill għal xogħol ta' resurfacing ta' toroq kif kien sar taħt l-iskema tal-PPP u l-Kunsill isib kunrattur. **Il-Kunsill qabel li jistaqsi lid-DLG.** | |

| 04 7 | | Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 7 1 | | Hales: Proposta mill-Kummissjoni Elettorali dwar Qasam Ħal Tmin | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Kummissjoni Elettorali sabiex it-toroq li jinsabu f'Ħal Tmin jingħataw isem. Għaldaqstant huwa ppropona li t-triq li ddawwar Ħal Tmin tissemma Dawret Ħal Tmin, il-pjazza ta' Ħal Tmin tissemma Misraħ Ħal Tmin u l-unika triq tissemma Triq Ħal Tmin filwaqt li parking area li hemm viċin Sqaq Ta' L-usif tissemma Wesgħet ta' L-usif. **Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitħalla għal-laqgħa oħra.** | Hales |
| 04 7 2 | | Hales: Rapport dwar il-Kuntrattur WM Environmental Ltd. | Il-Kunsillier Hales ippreżenta lill-Kunsilliera rapport ta' ħidma mill-Kuntrattur WM Environmental fuq iż-żamma ta' ġonna u soft areas u toroq mhux urbani. Huwa ppropona li dawn iż-żewġ kuntratti jieqfu sa l-aħħar tas-sena. Dan peress li minkejja li kemm -il darba il-Kuntrattur ġie avviċinat bid-diversi nuqqasijiet, is-sitwazzjoni mill-ħażin marret għall-agħar. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra reġistrata kif ukoll jieħu ritratti sabiex ikollu xhieda ta' dak li ġie rrapurtat.** | Hales Segretarjat |

**04. 8. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04 8 1 | | Abela: Triq Maria Stella Caruana | Il-Kunsilliera Abela ressqet quddiem il-Kunsill drenaġġ li qed ifur fi Triq Maria Stella Caruana. Dan qed iwassal biex anke qed ikun hemm ammont ta' ġrieden. Dan ir-rapport ser jgħaddi lill-KSI. | Segretarjat |
| 04 8 2 | | Abela: Sleeping policemen | Il-Kunsilliera Abela talbet lill-Kunsill jikkunsdira li jagħmel sleeping policeman fi Triq Hector Dalli. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir sleeping policeman fi Triq Dun Mikiel Cassar. Is-Sindku spjega li l-Kunsill adotta policy li dawn isiru biss f'toroq dojoq. Għaldaqstant tista' tkun kunsiderata dik ta' Triq Dun Mikiel Cassar. | Sindku |
| 04 8 3 | | Chircop: Tifkira Vittmi tal-Gwerra | Il-Kunsillier Chircop fakkar lill-Kunsill li nhar it-3 ta' Mejju fil-11.30am ser issir tifkira tal-vittmi tal-gwerra ħdejn il-lapida ta' l-istess vittrmi li tinsab f'Misraħ ir-Repubblika. Fuq il-lapida żdied l-isem tas-Sur Joseph Grech. | Chircop |
| 04 8 4 | | Chircop: Arti fil-Beraħ | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li din is-sena l-attivita' annwali Arti fil-Beraħ ser issir fis-7 ta' Lulju 2015. | Chircop |
| 04 8 5 | | Chircop: Trofew Ġimgħa l-Kbira | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li għall-kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira daħlu 7 parteċipanti. Ir-rebbieħ huwa s-Sur Louis Mifsud. | Chircop |
| 04 8 6 | | Chircop: Skema ta' restawr | Chircop staqsa jekk l-iskema ta' restawr li tħabbret mill-Onor. Owen Bonnici, ħarġitx. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 8 | 7 | Chircop: Mera u sinjali tat-traffiku | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq Wied il-Għajn fejn ir-razzett Sant'Antnin u l-parking lines f'Misraħ Ħal Tmin. | Hales |
| 04 | 8 | 8 | Chircop: Amministraturi tal-Blokki | Chircop staqsa jekk l-amministraturi tal-blokki għadhomx jiffunzjonaw. Il-Kunsilliera Agius spjegat li dawn kienu waqfu peress li ma kienux qed jieħdu l-kumpens iżda suppost li ser jerġa' jiġi kollox għan-normal. | Agius |
| 04 | 8 | 9 | Caruana: Road Markings | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru double yellow lines fi Triq il-Kbira viċin il-misraħ. Dan peress li qed xorta waħda qed isir parkeġġ. | Hales |
| 04 | 8 | 10 | Caruana: Tindif ta' funtana | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isir it-tindif tal-funtana ta' ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. | Sindku |
| 04 | 8 | 11 | Caruana: Safety gates | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-gates minħabba s-sigurta' tat-tfal fil-bandli ta' Triq il-Labour. | |
| 04 | 8 | 12 | Camilleri: Traffic Management | Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex issir pressjoni fuq TM għall-approvazzjoni ta' zebra crossing fi Triq il-Qadi quddiem is-St. Catherine Pharmacy. | Hales |
| 04 | 8 | 13 | Camilleri: Wire ta' l-azzar fuq arblu | Camilleri ressaq quddiem il-Kunsill periklu minħabba wire ta' l-azzar li qiegħed fuq arblu. Is-Sindku spjega li dak huwa wire li twaħħlu mill-Għaqda ta' l-Armar minħabba t-tiżjin tal-festa, iżda qed jikkawża ħsara u wara l-festa irid jitneħħa. | Caruana |
| 04 | 8 | 14 | Camilleri: Korsijiet | **Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija jsiru l-korsijiet għat-tfal fis-Sajf kif ukoll il-korsijiet tal-kompjuter.** | Camilleri |
| 04 | 8 | 15 | Agius: Fuljett informattiv | Il-Kunsilliera Agius fakkret lill-Kunsilliera sabiex iħejju l-informazzjoni dwar il-korsijiet u l-attivitajiet li ser jorganizzaw is-sotto kumitati sabiex jiġi ppubblikat fuljett li ser jitqassam f'kull residenza fit-3 ġimgħa ta' Mejju. | Chairpersons Sotto Kumitati |
| 04 | 8 | 16 | Agius: Żona Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni dwar it-tabelli tal-one way li ċċaraw fil-ġenb tal-Knisja tal-Ħniena u dwar il-bankina li qed tinqala minħabba l-għeruq tas-siġra fil-ġenb ta' l-istess knisja. | Sindku Hales |
| 04 | 8 | 17 | Agius: Miżura 413 | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isir pubblikazzjoni dwar il-proġett tal-Miżura 413 li ser jitqassam lill-year 2 u 3. | Agius |
| 04 | 8 | 18 | Agius: Tabella CDCC | Il-Kunsilliera Agius fakkret dwar it-tabella tal-Manucca Child Day Care Centre li hemm bżonn li teħel fl-aqsar żmien possibli. | Hales |
| 04 | 8 | 19 | Sindku: Impjegat ġdid | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru l-intervisti għall-impjegat il-ġdid u ġie magħżul is-Sur Angelo Caruana. Dan ser jibda l-impjieg tiegħu fil-25 ta' Mejju. Min-nhar is-Sibt li ġej ser jibda jkun l-uffiċċji kull nhar ta' Sibt. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 8 | 20 | Viċi-Sindku: Resident Dar Nazareth | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex resident minn Dar Nazareth jibda jgħin fix-xogħol ta' ġardinaġġ fil-ġnien tal-Kunsill fuq bażi ~~part time~~ volontarja. Il-Kunsill qabel. | Sindku |
| 04 | 8 | 21 | Viċi-Sindku: Bus Stop - Ramla | Il-Viċi-Sindku ressqet talba ta' residenta sabiex jiżdied bus stop fil-Bajja ta' San Tumas. Il-Kunsillier Hales irrimarka li l-post indikat mhux fil-konfini tagħna. Is-Sindku rrimarka li għandna ngħarrfu lill-Kunsill ta' Wied il-Għajn dwar din it-talba | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv